# IT-TIENI PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI ĊIVILI

**8 ta' Jannar, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Josephine Bondin

*versus*

Christine Demajo

## Kulpa Akwiljana

*Trattandosi ta' kulpa akwiljana u konsegwenzjali danni l-bażi legali ta' l-azzjoni trid neċessarjament tirriżolvi ruħha fil-nexus konsegwenzjali bejn l-operat tad-danneġġjant u d-danni sofferti mid-daneġġjat u dan għandu jiġi ppruvat mid-danneġġjat almenu fuq bażi ta' probabilità.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju, 1989, fil-kawża fl-ismijiet premessi li minnha sar l-appell preżenti tgħid hekk:

"Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi ppremettiet: –

Illi hija kienet attendiet għall-kura fi snienha fil-25 ta' Frar, 1987 fil-klinika tal-konvenuta l-belt; konsistenti din il-kura fit-tnaddif tas-snien u illi b'effett ta' din il-kura fuq imsemmija, l-attriċi sofriet ħsara konsiderevoli fi snienha dan minħabba imperizja, traskuraġni u negliġenza u illi biex tiġi rimedjata din il-ħsara jinħtieġ kura medika sostanzjali li tqum ħafna flus; u illi għal dawn id-danni kollha sofferti mill-attriċi, hija responsabbli unikament il-konvenuta; u illi l-konvenuta interpellata biex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' dawn id-danni baqgħet inademjenti;

U talbet li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-prestazzjonijiet magħmula mill-konvenut lill-attriċi f'ħalqha ma ġewx effettwati tajjeb skond kif tirrikjedi s-sengħa u l-arti;

2. Tiddikjara l-konvenuta responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attriċi li sofriet minħabba l-prestazzjonijiet tal-konvenuta magħmula kif fuq intqal;

3. Tillikwida dawn id-danni hekk sofferti mill-attriċi jekk hemm bżonn anke permezz ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi dik is-somma li tiġi likwidata in linea ta' danni għar-raġunijiet fuq imsemmija;

5. Bl-ispejjeż u mgħaxijiet legali kontra l-konvenuta;

Rat l-eċċezzjoni *li l-konvenuta mhix responsabbli għad*-danni reklamati billi ma kien hemm ebda imperizja fil-prestazzjonijiet tagħha;

Rat l-atti l-oħrajn, kompriża r-relazzjoni peritali;

Ikkunsidrat illi:

1. Fil-25 ta' April, 1987 l-attriċi attendiet fil-klinika tal-konvenuta biex tnaddaf snienha. Din il-prestazzjoni għamlithielha l-konvenuta personalment;

2. In segwitu l-attriċi bdiet tilmenta minn irritazzjoni fil-ponta ta' lsienha, uġiegħ u ħruq fil-ħniek u li s-snien ta' quddiem kienu qegħdin jitqassru u jittieklu, bit-truf inqas b'*saħħithom* milli kienu qabel;

3. Irriżulta li t-tarf *(incisal edge)* tas-snien inċisivi kellu pizzi waqt li l-faċċata tas-snien *(labial surface)* kienet ftit mikula. Il-ħanek ta' l-inċisivi ta' isfel kien imxammar *(gengival recession);*

4. Il-konvenuta kienet "*dental chairside assitant*". Ma kellhiex taħriġ akkademiku, però kellha esperjenza ta' seba' snin tagħmel ix-xogħol in kwistjoni;

5. Fil-prestazzjoni li għamlet lill-attriċi, il-konvenuta ma użatx "*ultrasonic scaler*". użat "*paste*" u "*brush*" bħal dawk esibiti dokumenti "P" u "P1";

6. Ma rriżultax kif kienu s-snien ta' l-attriċi qabel ma kienet missithomlha l-konvenuta. It-"*treatment*" ta' darba

magħmul kif deskritt mill-konvenuta ma setax jikkaġuna d-danni limitat li ġie kkonstatat fis-snien. Ma rriżultax li l-konvenuta kienet responsabbli għal dak id-dannu;

Għal dawn il-motivi, tiċħad it-talbiet bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat a fol. 105 in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi Christine Demajo illum miżżewġa Gravina a fol. 107 il-petizzjoni ta' l-appell tagħha li biha talbet li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billli tirrevokaha fejn ċaħdet it-talbiet attriċi u minflok tilqagħhom u tikkonfermaha fejn akkollat l-ispejjeż tal-kawża lill-konvenuta appellata;

Rat ir-risposta tal-konvenuta appellata li biha issottomettiet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u għalhekk l-appell għandu jiġi respint bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti huma dawn li ġejjin:

1) Il-konvenuta ma għamlitx xogħol ta' "*dental chairside assistant*" iżda ta' "*hygienist*" li ma kellha ebda dritt tagħmel;

2) Il-fatt li l-appellata tgħid li għandha esperjenza ta' seba' snin f'dan ix-xogħol hija asserzjoni gratuwita għax ma tirriżultax

mill-provi;

3) Meta l-perit tekniku l-Professur Camilleri qal li l-abrazjonijiet konstatati ma setgħux kienu r-riżultat ta' intervent wieħed ma ħax in konsiderazzjoni li l-appellanti kienet marret erba' darbiet għand l-appellata;

4) Għalkemm il-Prof. Camilleri qal li ma ntużawx *"scalers"*, l-istess appellata xehdet li intużaw *"scalers"*;

5) L-asserzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li ma inġabux provi ta' l-istat tas-snien ta' l-appellanti qabel l-intervent hija żbaljata u l-istess Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni dak li xehed id-dentist Diacono u ċjoè li ma kienx hemm manifestazzjoni ta' mard u li kieku dawk id-difetti kienu pre-eżistenti l-appellanti ma setgħetx ma tindunax bihom; dan barra x-xhieda ta' l-appellanti stess u ta' żewġha li d-difetti u l-uġigħ ġew riskontrati immedjatament wara l-intervent u qatt qabel;

6) L-istess appellata mkien ma ċaħdet li snien l-appellanti kienu tajbin l-ewwel darba li din kienet marret għandha;

Ikkunsidrat:

Illi wara li eżaminat bir-reqqa l-atti proċesswali din il-Qorti waslet għall-konklużjonijiet segwenti;

1) Illi qabel xejn għandu jiġi osservat li hija trid neċessarjament toqgħod fuq dak li jirriżulta mill-proċess u dan qed jingħad għaliex għalkemm wara l-preżentata tar-rapport peritali quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti l-appellanti għamlet

nota ta' kritika ma jidhirx li eskutiet il-periti kif ġiet mogħtija l-opportunità li tagħmel permezz ta' diversi differimenti kif lanqas ma ħasset il-ħtieġa li titlob in-nomina ta' periti addizjonali;

2) Illi trattandosi ta' azzjoni għal dikjarazzjoni ta' **kulpa akwiljana** u konsegwenzjali danni l-bażi legali ta' l-azzjoni trid neċessarjament tirriżolvi ruħha fin-*nexus* konsegwenzjali bejn l-operat tal-konvenuta appellata u d-danni sofferti mill-attriċi appellanti u dan għandu jiġi ppruvat mill-attriċi almenu fuq **bażi ta' probabilità;**

3) illi fil-petizzjoni tagħha l-appellanti ġabet diversi argumenti li bir-rispett kollu in parti huma inaċċettabli legalment u in parti ma jwasslux għall-prova tan-*nexus* ġuridiku li ssemma aktar 'il fuq. Biex tispjega ruħha aħjar, per, eżempju, kwantu għall-esperjenza ta' seba' snin fix-xogħol ta' "*hygienist*" li l-appellata xehdet bil-ġurament li għandha, l-appellanti tgħid li din il-prova mhix korroborata minn provi oħra u għalhekk il-prova ma teżistix, argument dan li legalment mhux attendibbli għaliex apparti li minn imkien ma jirriżulta li l-liġi tesiġi l-korroborazzjoni, l-istess dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-appellata mhi kontradetta minn ħadd. L-istess jingħad għall-"*iscalers*": huwa evidenti li d-diskors mhux fuq l-"*iscalers*" iżda jekk intużax "*ultra sound scaler*" li effettivament hemm dikjarazzjoni li ma ntużax u ma hemmx prova kuntrarja. Li biex titneħħa l-plakka bilfors iridu jintużaw "*scalers*" jafha kulħadd però ma hemm ebda prova li ntużaw "*scalers*" li setgħu kkaġunaw il-ħsara lamentata. Din kienet prova li kien jinkombi lill-attriċi appellanti li tagħmel u fil-fehma ta' din il-Qorti din il-prova qatt ma saret;

4) Il-fatt li l-konvenuta mhix "*qualified hygienist*" u

kienet qed tagħmel dan ix-xogħol *ciononostante*, għandu rilevanza biss jekk u meta jirriżulta li saret ħsara tort ta' l-operat tagħha, altrimenti l-istess fatt ma jista' jkollu ebda rilevanza. Fil-każ preżenti, din il-Qorti sempliċement ma tistax tara li saret il-prova li dak li ġara kien il-konsegwenza ta' l-intervent li l-appellata esegwiet fuq snien l-appellanti. Il-provi ma jistgħux ikunu jikkonsistu f'konġetturi jew suspetti iżda fuq fatti konstatati almenu fuq bażi ta' probabbilità;

F'dan il-każ din il-Qorti taqbel mal-periti nominati mill-ewwel Onorabbli Qorti illi apparti li ma hemmx prova li sar xi ħaġa ħażin mill-appellata anqas biss hemm il-prova ta' l-istat ta' saħħa li fih kienu snien l-appellanti qabel l-intervent. L-appellanti ppruvat tagħmel kapital mill-fatt li l-appellata qatt ma qalet li qabel l-intervent snien l-appellanti kienu fi stat ħażin; però dan ma jfisser xejn, l-ewwelnett għax il-prova mill-attriċi appellanti trid issir u t-tieni għaliex ma hemmx prova li sar *"bad cleaning"*. Li sar *"bad cleaning"* qed tasserih biss l-attriċi u jidher li l-uniku argument li għandha hu li qabel ma kellha ebda uġiegħ jew inkonvenjent ieħor. Dan waħdu però ma jwassalx għall-konklużjoni li snienha qabel kienu tajbin. Setgħu kienu fi stat diġà ħażin u li l-uġiegħ ġie ppreċipitat bl-intervent iżda dan ma jfissirx li l-intervent sar ħażin. Li taf din il-Qorti hu li mid-dikjarazzjoni tal-perit tekniku dak li qed tilmenta minnu l-appellanti ma setax kien ir-riżultat ta' l-intervent tal-25 ta' Frar, 1987. X'ġara qabel, din il-Qorti ma tafx, u anqas ma nġibulha provi mill-attriċi, anzi l-attriċi qatt ma allegat jew ġabet xi provi li fl-okkażjonijiet preċedenti sar xi xogħol difettuż. Dak li allegat kien li fl-aħħar okkażjoni x-xogħol sar ħażin u dan qed tallegah mhux għax għandha xi prova ta' dan iżda merament għax kien wara dan l-intervent li bdiet tħoss l-uġiegħ. Il-kawżi però ma

jintrebħux b'din il-kwalità u grad ta' prova;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, din il-Qorti tiċħad l-appell u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza a kariku ta' l-attriċi appellanti.